

**REGOLAMENT (UE) Nru 911/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**  
**tat-23 ta' Lulju 2014**  
**dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam**  
**tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> stabbilixxa Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("l-Aġenzija") sabiex ikun żgurat livell għoli, uniformi u effettiv ta' sikurezza marittima u ta' prevenzjoni ta' tniġġis mill-vapuri.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 724/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, li emenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002, assenja lill-Aġenzija kompiti ġodda fl-oqsma tal-prevenzjoni u tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri, wara l-aċċidenti li seħħu filmijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk tat-tankers taż-żejt "Erika" u "Prestige".
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002, assenja lill-Aġenzija kompiti fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass u estenda s-servizzi tal-Aġenzija għall-Istati li japplikaw għall-adeżjoni mal-Unjoni u għall-pajjiżi sħab tal-Viċinat Ewropew.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 2038/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(6)</sup> stabbilixxa finanzjament pluriennali għall-azzjonijiet tal-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għal tniġġis ikkawżat minn bastimenti li skada fil-31 ta' Diċembru 2013.

<sup>(1)</sup> ĠU C 327, 12.11.2013, p. 108.

<sup>(2)</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 (għadha mhijiex publikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014.

<sup>(3)</sup> Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

<sup>(4)</sup> Regolament (KE) Nru 724/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 1).

<sup>(5)</sup> Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 30).

<sup>(6)</sup> Regolament (KE) Nru 2038/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-rispons għal tniġġis ikkawżat minn bastimenti (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 1).

- (5) Minħabba l-impatt ekoloġiku potenzjalment devastanti u l-ispejjeż ekonomiċi kbar ħafna tal-inċidenti ta' tniġġis, kif ukoll il-possibbiltà ta' impatt soċjoekonomiku ta' dawn l-inċidenti fuq setturi oħrajn, bħat-turiżmu u s-sajd, l-Aġenzija għandu jkollha l-mezzi suffiċjenti biex tkun tista' twettaq il-kompiti assenjati lilha fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass. Dawk il-kompiti huma importanti fil-prevenzjoni ta' iktar ħsara kemm ta' natura monetarja kif ukoll dik mhux monetarja.
- (6) Għall-finijiet li jiġu implimentati l-kompiti ta' prevenzjoni u ta' reazzjoni għat-tniġġis mill-vapuri, fit-22 ta' Ottubru 2004 l-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija adotta Pjan ta' Azzjoni għal stat ta' thejġija u reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt, li jiddetermina l-attivitajiet tal-Aġenzija b'reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt u li huwa maħsub għallaqwa użu tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Aġenzija. Fit-12 ta' Ġunju 2007, il-Bord Amministrattiv adotta Pjan ta' Azzjoni għal Stat ta' Thejġija u Reazzjoni għat-tniġġis minn Sustanzi Perikolużi u Ta' Ħsara. Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, iż-żewġ Pjanijiet ta' Azzjoni jiġu aġġornati kull sena permezz ta' programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija.
- (7) Għandhom jitqiesu l-ftehimiet eżistenti dwar it-tniġġis aċċidentali, li jiffaċilitaw l-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam, kif ukoll il-konvenzjonijiet u l-ftehimiet internazzjonali rilevanti għall-ħarsien ta' żoni marittimi Ewropej minn inċidenti ta' tniġġis li jirrikjedu li l-partijiet jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex iħejju u jwieġbu għal inċident ta' tniġġis biż-żejt.
- (8) L-azzjoni ta' reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija, kif speċifikata fil-pjanijiet ta' azzjoni, hija marbuta ma' attivitajiet fl-oqsma tal-informazzjoni, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni, inkluż fir-rigward ta' tniġġis tal-baħar ikkawżat minn sustanzi perikolużi u ta' ħsara. Fuq kollox, dik l-azzjoni ta' reazzjoni hija marbuta mal-ġhoti ta' assistenza operazzjonali lill-Istati Membri milquta jew pajjiżi terzi li għandhom baċin tal-baħar reġjonali komuni mal-Unjoni ('Stati affettwati') permezz tal-ġhoti, fuq talba, ta' bastimenti addizzjonali kontra t-tniġġis biex jiġi miġġieled it-tniġġis biż-żejt ikkawżat mill-bastimenti kif ukoll it-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass. L-Aġenzija għandha tagħti attenzjoni partikolari lil dawk iż-żoni identifikati bħala l-iktar vulnerabbli mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe żona oħra fil-bżonn.
- (9) L-attivitajiet tal-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis għandhom jikkonformaw mal-arranġamenti eżistenti ta' kooperazzjoni billi jipprovdu għal assistenza reċiproka f'każ ta' inċident ta' tniġġis marittimu. L-Unjoni nqadet ma' organizzazzjonijiet reġjonali varji u qed tħejji għall-adeżjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra.
- (10) L-azzjoni tal-Aġenzija għandha tiġi kkoordinata mal-attivitajiet taħt il-ftehimiet bilaterali u reġjonali li għalihom l-Unjoni tkun Parti. Fil-każ ta' inċident ta' tniġġis marittimu, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Istat affettwat li taħt l-awtorità tiegħu jitmexxew l-operazzjonijiet ta' tindif.
- (11) L-Aġenzija għandu jkollha rwol attiv fiż-żamma u iktar żvilupp tas-Servizz Ewropew ta' Monitoraġġ taż-Żejt bis-Satellita (CleanSeaNet) għas-sorveljanza, l-individwazzjoni bikrija tat-tniġġis u l-identifikazzjoni tal-vapuri jew tal-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass responsabbli, pereżempju fil-każ ta' rimi ta' żejt minn vapuri u rilaxxi operazzjonali u tixrid aċċidentali minn pjattaformi lil hinn mix-xtut. Dak is-servizz għandu jtejjeb id-disponibbiltà tad-data u l-effikaċja u t-tempestività tar-reazzjoni għat-tniġġis.
- (12) Il-mezzi addizzjonali li għandhom jiġu pprovduti mill-Aġenzija lill-Istati affettwati għandhom ikunu disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>.

(<sup>1</sup>) Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

- (13) L-informazzjoni relattiva għall-mekkaniżmi ta' reazzjoni għat-tniġġis pubbliċi u privati u għall-kapaċitajiet ta' reazzjonijiet assoċjati fir-reġjuni varji tal-Unjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati Membri permezz tas-Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni dwar l-Emerġenzi (CECIS) stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom <sup>(1)</sup>, meta disponibbli għal dak il-għan.
- (14) Sabiex l-assistenza operazzjonali tal-Aġenzija ssir iktar effiċjenti fid-dawl tal-estenzjoni tal-mandat ta' reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija għal pajjiżi terzi li għandhom baċin tal-baħar reġjonali komuni mal-Unjoni, l-Aġenzija għandha tagħmel kull sforz biex tħeġġeġ lil dawk il-pajjiżi terzi jikkondividu informazzjoni u jikkooperaw fiż-żamma mill-Aġenzija ta' lista ta' mekkaniżmi ta' reazzjoni u l-kapaċitajiet ta' reazzjoni assoċjati.
- (15) Sabiex titjeb l-effikaċja tal-attivitajiet ta' reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija, l-Istati Membri għandhom jaqsmu mal-Aġenzija l-istudji xjentifiċi li jkunu wettqu dwar l-effetti tas-sustanzi kimiċi użati bħala aġenti dispersivi li jistgħu jkunu rilevanti għal dawk l-attivitajiet.
- (16) Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni tal-pjani ta' azzjoni tagħha, l-Aġenzija għandha tiġi pprovduta b'sistema vijabbli u kosteffiċjenti għall-finanzjament, b'mod partikolari, bl-għoti ta' assistenza operazzjonali lill-Istati affettwati.
- (17) Għalhekk għandha tiġi pprovduta sigurtà finanzjarja għall-finanzjament tal-kompiti fdati lill-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis u ta' azzjonijiet oħra assoċjati imsejjsa fuq impenn pluriennali. Id-daqs ta' dak l-impenn pluriennali għandu jirrifletti l-espansjoni tal-ambitu tal-Aġenzija fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis, u wkoll il-ħtieġa li l-Aġenzija żżid l-effiċjenza fl-użu tal-fondi allokati lilha, f'kuntest ta' limitazzjonijiet baġitarji. L-ammonti annwali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandhom jiġu ddeterminati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont il-proċedura baġitarja annwali. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-kapaċità tal-Aġenzija li twettaq dmirijietha fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass b'mod effikaċi u kosteffiċjenti.
- (18) L-ammonti li għandhom jiġu impenjati għall-finanzjament għar-reazzjoni kontra t-tniġġis għandhom ikopru l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, skont il-qafas finanzjarju pluriennali stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 <sup>(2)</sup> ('il-qafas finanzjarju multiannwali'). Għalhekk għandu jiġi pprovdut pakkett finanzjarju li jkopri l-istess perjodu.
- (19) L-appoġġ tal-Aġenzija għall-Istati li japplikaw għall-adeżjoni mal-Unjoni u għall-pajjiżi sħab tal-Viċinat Ewropew għandu jiġi ffinanzjat permezz ta' programmi eżistenti tal-Unjoni għal dawk l-Istati u pajjiżi u għalhekk ma għandux jagħmel parti mill-finanzjament pluriennali tal-Aġenzija.
- (20) Sabiex ikun hemm allokazzjoni ideali tal-impjenji u titqies kwalunkwe bidla li jkollha x'taqsam ma' attivitajiet b'reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri, jeħtieġ li jiġi żgurat monitoraġġ kontinwu tal-bżonnijiet partikolari għal azzjoni sabiex ikun hemm lok għal addattament tal-impjenji finanzjarji annwali.
- (21) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002, l-Aġenzija għandha tirrapporta dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-finanzjament pluriennali tal-Aġenzija fir-rapport annwali tagħha.
- (22) Huwa xieraq li tiġi żgurata l-kontinwità fl-għajnuna finanzjarja mogħtija permezz tal-azzjoni tal-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, u li l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi allinjat ma' dak tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014,

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-sinjuri 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

#### Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (l-Aġenzija) għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lilha fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, skont l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002.
2. L-attivitajiet tal-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis m'għandhomx jeżoneraw lill-Istati tax-xtut mir-responsabbiltajiet li jkollhom fis-seħħ mekkaniżmi xierqa ta' reazzjoni għat-tniġġis.

### Artikolu 2

#### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "żejt" tfisser żejt mhux maħdum fi kwalunkwe forma, inkluż żejt mhux raffinat, żejt kombustibbli, ħama, skart ta' żejt u prodotti raffinati kif stabbilit mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-istat ta' Thejġija, Reazzjoni u Kooperazzjoni għat-Tniġġis miż-Żejt, 1990, tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI);
- (b) "sustanzi perikolużi u ta' ħsara" tfisser kwalunkwe sustanza minbarra ż-żejt li, jekk jiddaħħlu fl-ambjent tal-baħar, li x'aktarx joħlqu perikli għas-saħħa tal-bniedem, jagħmlu ħsara lir-riżorsi haġġin u lill-ħajja tal-baħar, jagħmlu ħsara lil faċilitajiet jew tinterferixxi ma' użi leġittimi oħra tal-baħar, kif stabbilit mill-Protokoll dwar l-istat ta' Thejġija, Reazzjoni u Kooperazzjoni għal Inċidenti ta' Tniġġis minn Sustanzi Perikolużi u Ta' Ħsara, 2000, tal-OMI;
- (c) "installazzjoni taż-żejt u l-gass" tfisser faċilità stazzjonarja fissa jew mobbli, jew kumbinazzjoni ta' faċilitajiet, interkonnessi b'mod permanenti permezz ta' pontijiet jew strutturi oħra, użati għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut jew b'konnessjoni ma' dawk l-operazzjonijiet; 'installazzjoni taż-żejt u gass' tinkludi unitajiet tat-tħaffir mobbli lil hinn mix-xtut biss jekk ikunu stazzjonati filmijiet lil hinn mix-xtut għat-tħaffir, il-produzzjoni jew attivitajiet oħra assoċjati ma' operazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass lil hinn mix-xtut, kif ukoll infrastruttura u faċilitajiet użati biex iż-żejt u l-gass jinġiebu l-art jew lejn terminals fuq l-art.

### Artikolu 3

#### Kamp ta' applikazzjoni

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi allokata lill-Aġenzija bl-għan li tiffinanzja l-azzjonijiet fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass kif imsemmija fil-pjan iddettaljat stabbilit skont il-punt (k) tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, b'mod partikolari dawk relatati ma':

- (a) assistenza operazzjonali u appoġġ b'mezzi addizzjonali, bħal vapuri kontra t-tniġġis lesti biex jintużaw, xbiehat bis-satellita u tagħmir tas-satellita, ta' azzjonijiet ta' reazzjoni għat-tniġġis, fuq talba tal-Istati milquta, skont il-punt (d) tal-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 fil-każ ta' tniġġis tal-baħar aċċidentali jew intenzjonali kkawżat minn vapuri jew installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass;
- (b) kooperazzjoni u koordinazzjoni u l-forniment lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ta' assistenza teknika u xjentifika fil-qafas tal-attivitajiet rilevanti tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili, tal-OMI u tal-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti;

- (c) informazzjoni, b'mod partikolari l-ġbir, l-analiżi u t-tixrid tal-aqwa Prattiki, tal-għarfien esperti, tat-tekniki u l-innovazzjonijiet fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

#### Artikolu 4

##### **Finanzjament tal-Unjoni**

1. Fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali, l-Aġenzija għandha tingħata l-appropriazzjonijiet meħtieġa biex taqdi dmirijietha fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass b'mod effettiv u kosteffiċjenti.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 3 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ta' EUR 160 500 000 espress fi prezzijiet attwali.
3. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu ddeterminati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ggarantit il-finanzjament meħtieġ tal-assistenza operazzjonali lill-Istati Membri skont il-punt (a) tal-Artikolu 3.

#### Artikolu 5

##### **Monitoraġġ ta' kapaċitajiet eżistenti**

1. Sabiex jiġu ddefiniti r-rekwiżiti għal, u tiżdied l-effiċjenza ta', l-ġhoti ta' assistenza operazzjonali mill-Aġenzija, pereżempju fil-forma ta' bastimenti kontra t-tniġġis minbarra l-kapaċitajiet tal-Istati Membri, l-Aġenzija għandha żżomm lista tal-mekkaniżmi pubbliċi u, fejn disponibbli, dawk privati ta' reazzjoni għat-tniġġis u kapaċitajiet ta' reazzjoni assoċjati fir-reġjuni varji tal-Unjoni.
2. L-Aġenzija għandha żżomm dik il-lista abbażi tal-informazzjoni li għandha tingħata mill-Istati Membri. Fiż-żamma ta' dik il-lista, l-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tikseb informazzjoni dwar il-mekkaniżmi ta' reazzjoni għat-tniġġis u l-kapaċitajiet ta' reazzjoni assoċjati minn pajjiżi terzi li għandhom baċir tal-baħar reġionali komuni mal-Unjoni.
3. Il-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija għandu jqis dik il-lista u informazzjoni xierqa oħra rilevanti għall-oġettivi tar-reazzjoni għat-tniġġis stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, bħal dik li tinsab fil-valutazzjonijiet tar-riskju u l-istudji xjentifiċi dwar l-effetti tas-sustanzi kimiċi użati bħala aġenti dispersivi, qabel ma jiddeċiedi dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija ta' reazzjoni għat-tniġġis fil-qafas tal-programmi ta' ħidma annwali tal-Aġenzija. F'dan il-kuntest, l-Aġenzija għandha tagħti attenzjoni partikolari lil dawk iż-żoni identifikati bħala l-iktar vulnerabbli, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe żona oħra fil-bżonn.

#### Artikolu 6

##### **Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiżguraw li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, l-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli u ispezzjonijiet effettivi u, fejn jinstabu xi irregolaritajiet, bl-irkupru ta' kwalunkwe ammont imħallas mhux kif dovut u billi jimponu penali effettivi, proporzjonali u dissważivi, skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 <sup>(1)</sup> u (Euratom, KE) Nru 2185/96 <sup>(2)</sup>, u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

<sup>(3)</sup> Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

2. Għall-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, il-kunċett ta' irregolarità msemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew ommisjoni minn operatur ekonomiku, li għandu, jew ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew baġits fejn il-ġestjoni tkun f'idejn l-Unjoni, minħabba partita ta' nfiq mhux ġustifikat.

3. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom, kull waħda fl-isfera tal-kompetenza rispettiva tagħha, jiżguraw li jinkiseb l-aqwa valur meta mqabbel mal-ammont minfuq fil-finanzjament ta' azzjonijiet tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament.

#### Artikolu 7

##### Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu

1. Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u quddiem il-Kunsill, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija, rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017. Dak ir-rapport, li għandu jiġi stabbilit mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija, għandu jistipula r-riżultati tal-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4 fir-rigward tal-impjenji u n-nefqa li jkopru l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2016.

2. Fdak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tippreżenta evalwazzjoni tal-kapaċità tal-Aġenzija biex taqdi dmirijietha b'mod effettiv u kosteffiċjenti. Għall-perjodu 2018-2020, abbażi tal-evalwazzjoni u l-eżami tal-ħtieġa li l-Aġenzija twettaq il-kompiti assenjati lilha, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ, tipproponi aġġustament xieraq, sa massimu ta' 8 %, tal-pakkett finanzjarju pluriennali allokat lill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 3. L-aġġustament possibbli għandu jibqa' fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri baġitarji annwali jew għar-rieżami li jmiss tal-qafas finanzjarju pluriennali.

3. Dak ir-rapport għandu jkun fih informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi, ekoloġiċi u finanzjarji, jekk disponibbli, tal-istat ta' thejġija għar-reazzjoni tal-Aġenzija fir-rigward tat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

4. Barra minn hekk, abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni tista', jekk ikun il-każ, tipproponi emendi għal dan ir-Regolament, b'mod partikolari sabiex jitqies il-progress xjentifiku fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, inkluż fir-rigward tat-tniġġis ikkawżat minn sustanzi perikolużi u ta' ħsara, kif ukoll it-tibdil rilevanti għall-istrumenti, li jstabbilixxu organizzazzjonijiet reġjonali, li l-attivitajiet tagħhom ikunu koperti mill-attivitajiet tal-Aġenzija fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis u li għalihom tkun aċċediet l-Unjoni.

#### Artikolu 8

##### Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI